MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Numru 970/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef )**

**vs.**

**Muftah Melad Muftah Abusbia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Muftah Melad Muftah Abusbia, ta' tmintax-il sena, iben Melad u Fariha nee Likwaj, imwieled fis-27 ta' Novembru 1991, il-Libja, u residenti fi Triq Ponsonby il-Gzira, detentur tal-passaport Libjan numru 840613:

1. talli f'dawn il-gzejjer minn gewwa Escape li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' fil-ghodu (01.45a.m.) ikkommetta serq ta' *handbag* li kien fih Euro 60 fi flus kontanti, *mobile phone*

tal-marka Samsung li jiswa Euro 189 u xi dokumenti ghad-dannu ta' Fiona Ann Parnis, liema serq huwa aggravat bil-'valur' u bil-'hin';

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Christian Parnis;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenti legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali nadifa ta' l-imputat u l-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija u li irritorna l-bicca l-kbira ta'l-affarijiet li seraq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 214, 215, 221 u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------